

A. V. VASSALLO

# DELL TA' L-IMGHODDI

1936

P.B. 6.2

A. V. VASSALLO

# DELL TA' L-IMGHODDI

MALTA
THE EMPIRE PRESS
1936

302475

LIL

DR. A. V. LAFERLA LL.D., O.B.E.

DIRETTUR TAT-TAGĦLIM

BĦALA XHIEDA TA' QIMA

## *KELMTEJN QABEL*

---

*Wasal iż-żmien għalija wkoll li niġbor u noħroġ fi ktieb wieħed il-għanjiet tiegħi li għandi mxerrdin 'l hawn u 'l hinn. Ma kontx, ingħid is-sew, fi ħsiebni nidħol għal dax-xogħol għal issa, għax xtaqt li qabel xejn ikolli xi erbgħa mhux ħażin; iżdi billi bosta minn sħabi u ħbieb oħra ħajruni kemm-il-darba u għamluli l-qalb mhux ftit biex niġborhom, ma stajtx, tabil-ħaqq, ma nweġibx għax-xewqa tagħhom, li kienet tassew minn qalbhom.*

*U hekk għamilt. Ġbart kull ma kelli (għalkemm bċejjeċ li deherli ma kellix inġibhom ħallejthom barra), żidt magħhom oħrajn li s'issa kienu għadhom qatt ma dehru mitbugħin imkien, u dammejthom f'din il-ħannieqa ċkejkna. Kif se' jiġu milqugħin mill-kotra għadni ma nafx, imma għandi f'rasi li bosta minn dawk li jaqrawhom se' jsibu li xi whud minnhom jagħtu daqsxejn fil-qares u, ħabtiet, forsi, neqsin ukoll middawl sabiħ tat-tama. Fuq dan ma nista' ngħid xejn; iżda min jafni sewwa, u jaf x'għadda minn għalija ma' tul l-ewwel taqsima tal-ħajja tiegħi, jista' jifhem wisq aħjar x'irrid ingħid bihom, miktubin kif inhuma.*

*Issa rrid nizzi ħajr minn qalbi lill-ħabib tiegħi s-Sur Salvu Gatt tal-ħerqa li wera f'dan ix-xogħol u tal-għajnuna li rajt minnu kull meta fittixtu.*

Arthur V. Vassallo

Valletta, 24 ta' Marzu 1936.

# Lill-Poëta

Virtù viva sprezziam, lodiamo estinta.
(LEOPARDI)

Poëta, jekk trid tkompli bl-għana tiegħek,
Li minn qalbek itîr, tgħallem il-ġnus;
Jekk trid dis-sengħa ħelwa tħaddan miegħek,
La tistenniex il-ġîd, għax tkun mirfus.

Għax sakemm qalbek f'sidrek tibqa' tħabbat,
Sakemm int tibqa' tiġri fuq din l-art,
Sakemm in-nar ta' mħabbtek jibqa' mqabbad
Ġo qalbek, għalkemm inti tkun faħħart,

Aktarx minn ħadd ma jkun imfaħħar ismek;
Aktarx issibu mkasbar minn kulħadd.
Le, sakemm ruħek tibqa' ddur ma' ġismek
Int l-hena ta' dil-ħajja ma dduq qatt.

Għalhekk, jekk trid tissokta f'din il-ħajja,
Kun lest biex tilqa' kollox, daħq, żebliħ,
Kif lestew ruħhom dawk li dawn is-snajja'
Ma' qalbhom marru jgħannqu. Fil-mistrieħ.

Imbagħad li l-lmewt serrieħa trodd lil ġismek,
Hemm inti tibda togħla, ssir bla qies;
Int ma tkunx hawn, 'ma jibqa' l-kobor t'ismek
Għal bosta bosta snin fi ħluq in-nies.

1929

# L-Ave Marija

Il-bidwi żamm ix-xogħol, waqqaf il-baqra,
Flimkien rabat idejh taħt ras baxxija;
Sama' l-qanpiena ddoqq; qagħad jitlob naqra:
L-Ave Marija.

Wiċċu fejn qatt tal-mûs il-ħoss ma nsema',
Li qatt ma ħass ix-xewqa tal-kburija.
Issa bi ħsebijiet mimli tas-sema:
L-Ave Marija.

Qagħad jitlob 'l Alla fl-għolja Saltna Tiegħu
Biex inibbitlu ż-żriegħ f'dik il-ħamrija,
U biex fix-xogħol dejjem jissaħħaħ driegħu:
L-Ave Marija.

Qabdet mill-ġdid il-maqbad l-id għajjiena,
Għalkemm tax-xemx bdew jonqsu d-dawl u d-dija...
Insemgħet flajru ddamdam il-qanpiena:
Ave Marija,
Ave Marija,
Ave Marija.

1929

# Lilek

Fejnek, ħlewwa ta' mħabbti, fejnu wiċċek
Li dari fl-ogħla ferħ kien itellagħni?
Meta se'r nerġa' nisma' minn ġo fommok,
Dejjem daħqani,

L-għanja ta' mħabba li ġo qalbi kienet
Tinżel u tgħammar ġo ħuġġieġa kbira,
Li kemm-il-darba 'l qalbi ħatfet sewwa,
Żammitha rsira ?

Għalxejn inħares, meta nkun xi drabi
Għaddej minn quddiem biebek, lejn it-tieqa,
Fejn dari kont insibek dejjem lesta
Ta' qalbi d-djieqa

Biex tfejjaqli b'dik l-għamża, b'dik id-daħqa,
B'dik il-lilwa ta' rasek, b'dik il-ħarsa;
Minn qalbi kienet taħrab kif kont nilmħek
Kull xewqa qarsa.

Daż-żmien m'hemm xejn ħlief trab u għanqbut, u mkisser
Iż-żġieġ. F'ħoġor it-tieqa t-tajr ibejjejt.
Kisra ta' qalb għax fejn m'hemmx int għalija
Kullimkien mejjet.

Għalxejn nistenna dawn l-għodwiet xemxija
Għalik, ħanina, taħt id-dell tal-ħdura;
Għalxejn quddiemi nħares, ħdejja nħares,
Inħares lura.

Għalxejn ninfirex taħt id-dawl tal-qamar
Biex nistenniek fix-xatt tal-mewġ sewdieni;
Għalxejn, għalxejn, int tlaqtni għal kollox, tlaqtni,
Tlaqtni wisq kmieni.

Għalxejn ħlimkien tħadditna t-tnejn ferħana,
Fuq dak li kellu jgħaddi minn għalina,
Għax qajla ġiet il-Mewt, ħatfitek magħha
U daħqet bina.

1929

# L-Għanja ta' Dari

Ejjew, żminijiet ħelwa ta' tfuliti,
Ejjew bil-ġrajjiet tagħkom;
Ejjew nissuni n-niket ta' dil-ħajja;
Ħuduni magħkom.

Ejjew bil-ferħ, duru biż-żifna miegħi,
Ja żminijiet tas-sabar;
Ħallu mar-riħ ittir il-ħeffa tagħkom
Minn qiegħ il-qabar.

Duru ma' dwari, duru dejjem, duru
Sakemm ngħidilkom jiena;
Sakemm minn qalbi jtir l-imrar tal-ħajja
U jidħol l-hena.

Għax din m'hix ħajja li q'għed ngħix; le, dina
Hi ta' biki mogħdija.
Inħossni bla mistrieħ, inħossni mdejjaq,
Mifni ġo fija.

Għannuli waqt iż-żfin dik l-għanja ħelwa
Li ħadt minn ilsien ommi,
Li wisq għożżejt u li xi drabi taħrab
Minn ġewwa fommi.

Għannuli sakemm norqod u 'fir-raqda
Nissuni kull għawġ kiefer,
Sabiex fis-skiet serrieħ, f'art m'hix magħrufa,
Bil-môd insiefer.

15 ta' Ġunju 1929

# Is-Serħ tal-Qrar

Bla sabar u mnikket,
 Ħriġt niġri mid-dar,
Bħal mita mill-gaġġa
 Għasfur ikun tar.

Tal-knisja l-mogħdija
 Jien qbadt l-iżjed qrib,
Biex hemm fis infittex
 Tar-ruħ it-tabib;

Biex naħsel u nnaddaf
 Din ruħi mid-dnub,
Li jtellef is-sabar,
 Li jnikket il-qlub.

Iltqajt hemm sa fl-aħħar
 Ma' t'Alla l-qaddej;
Ħafirli, berikni;
 "Tarġax għalli ġej".

# Lilek

Hekk kif taħt xemx sajfija, nofsha mejta
 Bil-għatx, int warda lmaħt titolbok ħniena,
Int ġreajt lej' l-għajn, xarrabtha bl-ilma, sqejtha,
 Tajtha mill-ġdid ir-ruħ.
 U għax kont hekk qalbiena,
Il-warda ħadet lewnha w saret tfuħ.

U kif f'lejla xitwija, wara t-tieqa,
 Imġewwaħ ġiek għasfur jitlob għajnuna,
Itektek bil-munqar, int ħassejt djieqa
 Ta' qalb u t-tieqa ftaħt;
 U ġewwa l-għorfa sħuna
Saħħantu, tmajtu, sqejtu,—għamilt kemm flaħt.

'Ma jien li biss mort tlabtek qatra mħabba
 Biex terġa' ttini l-ħajja—daħqa waħda,
Li għalik ma kinitx telf, la l-qalb ittabba',—
 Ma ħadtx ħlief trieq għal marda,
 Għax ħniena ġietni mċaħħda.
Ah, mhux li kont għasfur, mhux li kont warda!

1930

# Lilek

Deposuit potentes de sede
et exaltavit humiles.
(S. Luqa)

Wara li ħlejt, biex forsi nisraq ħsiebek,
Ta' ġbini l-għaraq, saħti w kulma ħija,
W għamiltha tat-tallab niġri taħt biebek,
Ma rajtx ħlief biss kburija.
Iżda kun af li jaqa' min jitkabbar
U jikber min jiċċekken u jissabbar.

Għax taf li ħik tinġabar l-akbar ħlewwa
U l-ġibda ta' kull qalb minnek mifnija,
Int qisek tridni nduq l-għafsiet ta' ġewwa
Midluka bit-tbatija.
Jien ngħidlek waħda: Jaqa' min jitkabbar
U jikber min jiċċekken u jissabbar.

Għalhekk la tistenniex li għar-rkobbtejja
Sa naqa' w ngħidlek: Qalbi, ħinn għalija!
Għax għalkemm għadni ngħożżok daqs għajnejja,
Daqshekk ngħożż l-irġulija.
Iftakar biss li jaqa' min jitkabbar
U jikber min jiċċekken u jissabbar.

14 ta' Awwissu 1931

# Int, Jiena u Hu

*Lil Ġ...*

Kien hemm f'nofs l-għalqa sew warda sabiħa,
Waħidha, ħamranija, lewn il-qrolla;
Ix-xemx, minn fuq, tbewwisha, ttiha l-fwieħa
Li biha kienet tfawwar l-għalqa kollha.

Fil-għodu mat-tbexbix kont tara n-nida
Titliegħeb, tlellex fuqha; bl-akbar ħlewwa
Tmellisha l-fewġa. Hemmhekk trabbiet waħidha,
Miġbura fiha nfisha w kibret sewwa.

U m'hux il-bogħod kien hemm fjur ieħor ċkejken,
Midbiel u nofsu mejjet... fjur bla saħħa.
Kemm ħabb lil dik il-warda dan l-imsejken,
Kemm xtaq kieku jitlobha l-qalb minn tagħha.

Għax billi kien mal-warda trabba w kiber,
Inġibed lejha sħiħ; u b'qalb miksura
Kien dlonk jixtieq li jersaq dak ix-xiber
Kemm jista' jtiha fdalu mingħajr sura.

'Ma kif qatt seta' jkun li dik il-ħlewwa,
Mitlufa fi sbuħitha, tisma' talbu?
Għalhekk l-imħabba tiegħu żammha ġewwa,
U meta ma felaħx beka ġo qalbu.

Sa fl-aħħar ġiet it-tfajla, bint l-egħlieqi
Daħqana... mingħajr ħsieb u mingħajr ħtija;
Għajnejha ferħanin, qishom żewġ twieqi
Mnejn tista' s-safa tilmaħ tax-xbubija.

Din tbissmet minnufih, u dawk xoħħtejha
Mil-lewn il-warda tbexxqu: "Warda sbejħa!"
U din xħin semgħet hekk fis ħarset lejha
Biex kieku ttiha ħajr ta' dik is-sejħa.

Imbagħad qatgħetha... hemżitha fuq sidirha;
U bl-istess ferħ ta' dak li kliemha wiret,
Ah, rifset dak il-fjur li mar jagħdirha
U faraġ sab il-mewt, la darba nfired.

**1933.**

# Il-Qniepen

"Tanti e si fatti suoni un suono esprime".
(TASSO)

Kemm huwa ħelu l-leħen li mill-bejta
Tagħkom, ja qniepen, tferrgħu fost il-ħlejjaq;
Li tqassmu għal kull aħbar li tridu xxandru
Biex tnisslu ferħ fil-qlub inkella dwejjaq.

*
* *

Oh, kemm jurini ħwejjeġ
Il-leħen tal-qanpiena!
Jien fih jew nilmaħ xebba sejra ttejjeġ,
Jew ruħ ġewwa n-nirien q'għed titlob ħniena.

Jien fih b'mixi meqjus nilmaħ il-Ġilwa
Qrib Maqdes mimli, hieni,
U nisma' wkoll jittajjar lejn is-sema,
It-talb mill-fomm qalbieni.
Inkella qajla qajla jiena nara
Tal-mewt it-tarağ tiela' l-qattiel ħiedem,
Biex f'demmu l-ħtija jaħsel li firditu
Minn m'Alla w minn mal-bniedem.

*
* *

Iżda mhux biss, ja qniepen, dawk il-ġrajja
Li q'għed isiru l-lum
Jien nilmaħ fikom; għax li miet fil-ħajja
Jien dlonk narah iqum.

Ma' dak leħinkom mgħaġġel fuq ix-xefaq
Jien nilmaħ ġejjin 'l hawn mijiet ta' qlugħ;
U fuq ix-xtajta tagħna rġiel ta' qawwa
Bin-nisa mdendlin magħhom kollha dmugħ;
U fuqhom jidħlu x-xwieni ta' l-egħdewwa,
U tqum taqbida kiefra bla mistrieħ,

U min jitħabat biss biex jerfa' s-Sewwa
Jordomhom ġewwa l-qiegħ.
U f'dak leħinkom mgħaġġel ukoll naqra
Tal-Mislem l-għajta mħarrba
X'ħin telaq lejn dar Sidu jibki l-faqra
Ta' l-art li fuqha ħalla l-aħħar karba;
U fih nilmaħ ukoll l-għajta ferrieħa
Li żammet lil din l-art qawwija w sħiħa.

Għalhekk sabiħ leħinkom li mill-bejta
Tagħkom, ja qniepen, tferrgħu fost il-ħlejjaq;
Li tqassmu għal kull aħbar li tridu xxandru
Biex tnisslu ferħ fil-qlub inkella dwejjaq.

1931

# Omm

*Lil Oħti.*

Ħallini nħaddnek, għażiża oħti, miegħi
U nq'għed fuq ġbinek fommi,
Biex hemm inħalli l-bewsa tal-qalb tiegħi
Minn flok fuq il-ġbin t'ommi.
Ghax lilha rajt quddiemi, u x'ħin dirgħajja
Infetħu biex minn tagħha nilqa' l-benna,
Jien l-ajru għalaqt ma' sidri flok il-ħajja,
U minnufih ftakart li qiegħda l-Ġenna.

Nistħajjel, oħt, se'r tistaqsini l-għala
Daqshekk jien 'l ommi nqimha.
Jien nagħdrek għax int omm ma tafx xi tfisser,
Għax ċkejkna bqajt iltima.
Iżda ma nafx infiehmek, maħbuba oħti,
Bil-kliem xi tkun din l-omm, sejħa qawwija;
Għalhekk ngħidlek kelmtej' fuq fuq kif nista'
Biex int tagħraf il-bqija.

*

* *

Omm dik li ttik il-ħajja w għal imħabbtek
Iġġarrab kull tbatija;
Omm dik li tibqa' tqimek ma' tul ħajtek
Daqs mita kont tarbija.
Hi dik li dejjem taħseb
Biex tgħallmek biss is-sewwa;
Hi l-għajta li ssejjaħlek
Mit-trieq bil-qerq mixgħula ta' l-egħdewwa.
Hi l-kenn ta' l-iben twajjeb,
Hi s-serħ ta' l-iben niedem,
Hi l-ġabra ta' kull tjieba
Li timxi mit-twelid sal-mewt tal-bniedem.

*

* *

Dik hija l-omm li fl-ewwel xhur ta' ħajtek
Ħallietek, maħbuba oħti, minnha fqira;
Iżda tibżax għax fuq ħaddejk tinġabar
Xbihitha— l-egħżeż wirt, l-egħżeż tifkira.

Għalhekk ħallini nħaddnek, oħti, miegħi
U nq'għed fuq ġbinek fommi,
Biex hemm inħalli l-bewsa tal-qalb tiegħi
Minn flok fuq il-ġbin t'ommi.

1931

# Siġar

Ja siġar sbieħ ħadrana,
Ja qawwa tal-ħolqien, faraġ u ħajja,
Ja siġar sbieħ,
Li tqanqlu l-qlub għall-għana,
Li ttaffu d-dwejjaq kbar tal-ħajja tagħna,
Li tnisslu ferħ u sabar, hemm fil-qiegħ
Ta' dellkom, deh, ħalluni
Nixteħet u nistrieħ.
Aħbuni, nissuni
In-niket ta' bla tarf, id-dmugħ ta' qalbi,
Il-qerq, il-ħtija,
Kollox.
Xewqti qawwija
Ja siġar sbieħ isimgħu, isimgħu talbi.

* * *

Hemm fuq fl-ikħal tas-sema x-xemx bil-qilla
Q'għed tisreġ fuq ir-raba', fuq il-mewġa
Ħelwa tas-silla;
U dina ma' kull fewġa
Sajfija
Tintelaq ma' tul l-għalqa ħadranija.
Q'għed tisreġ fuq il-wied li b'leħen ħlejju
Għaddej isaqqi l-ward li tana Mejju.
Q'għed tisreġ fuqkom,
Ja siġar sbieħ,
Fil-waqt li jiena f'dellkom q'għed nistrieħ.

* * *

Fuq rasi bla ma jehda
Il-weraq q'għed iħaxwex. Waħda waħda
Minn fuq it-tul tal-friegħi
Niżlin... bil-qajla... mriegħda...
Qegħdin jinfirxu miegħi.

Ħekk. hekk, ja siġar, waqa' l-hena tiegħi
Fl-aħjar ta' ħajti; għalhekk irridni magħkom.
Min tani ħajti u feraħ
U beka miegħi sħiħ;
Min ħadli qalbi u daħaq
Bid-dmugħ li ħlejt għalih;
Min ħadem biex is-sabar
Jagħtini minnufih,
Kollha rajthom niżlin bħall-weraq tagħkom,
Ja siġar sbieħ.

1932

# Widien

Niżlin...
Dejjem niżlin...
Issa bil-môd, issa mgħaġġlin;
Issa jinfirdu .. jitbiegħdu... jitbiegħdu...
U jerġgħu ma' xulxin,
Dejjem niżlin...
Niżlin...

Qawwija
Ħierġa minn ġewwa l-blata,
Iġġelben u tilma
Tax-xemx fid-dija,
Il-milja sabiħa ta' l-ilma.
Ħierġa titgerbeb, tinqaleb
U tħaxwex qalb ix-xaħx,
Tofroq il-ħxejjex,
Tqaċċat, m'hemmx indiema,
Ġebel u weraq, kull ma ssib quddiemha.

Safja, mexxejja, ġerrejja,
Niżlin
Mill-għoljiet fuq ix-xellug,
Mill-għoljiet fuq il-lemin,
Friegħi tal-fidda,
Biex jiltaqgħu hawn u jaqbdu
Ma' dan l-ilma dejjem nieżel...
Dejjem nieżel...
Nieżel...

1933

# Dlonk fis-Skiet ta' fil-Għaxija *

Dlonk fis-skiet ta' fil-għaxija,
Qabel jien nintilef f'ngħasi,
Il-ħsieb ħelu jitfa' d-dija
Ta' jiem oħra ġewwa rasi:
Ferħ u ħtija
Tat-tfulija,
Ħelu kliem ta' mħabba sħuna,
L-għajn maħruqa
L-lum magħluqa,
Qlub ferħana l-lum midfuna.
Hekk fis-skiet ta' fil-għaxija,
Qabel jien nintilef f'ngħasi,
Ħsieb ta' djieqa jitfa' d-dija
Ta' jiem oħra ġewwa rasi.

Kif jien nara l-ħbieb ta' dari,
Qattgħa waħda, f'leħħ ta' berqa,
Ilkoll jaqgħu minn ma' dwari
Kif fix-xitwa taqa' l-werqa,
Jien nittieħed
Bħala wieħed
Li ħdejn mejda li n-nies ċaħdu,
Dwal mitfija,
Flus moħlija,
Jarahom telqu w baqa' waħdu.
Hekk fis-skiet ta' fil-għaxija,
Qabel jien nintilef f'ngħasi,
Ħsieb ta' djieqa jitfa' d-dija
Ta' jiem oħra ġewwa rasi.

1933.

---

* Mill-għanja *Oft in the stilly night* ta' T. Moore.

# Il-Bieraħ... Il-Lum

*Lilek Ġ... ifhimni.*

Jien kont għasfur: kont ngħanni, kont nittajjar
Minn qalb id-dell tal-frieġħi għal fuq l-għadajjar,
Minn fuq l-għoljiet ħadrana għal fuq ix-xmajjar.
Mix-xmajjar għall-widien,
Ferħan,
Dejjem ferħan,
Ferħan li nista' mmur fejn irrid jien.

U qalbi kienet hemm fl-għoli tas-sema
Titliegħeb f'dak il-ġmiel ta' sħab bajdani;
Le, qatt ma qabżet minn għajnejja demgħa,
Għax kollox kien daħqani.

Iżda kif darba x-xemx ta' fil-għaxija
Kienet q'għed tgħib wara l-għoljiet dellija
U tħammar is-smewwiet,
Ah, f'dak is-skiet,
Maż-żiffa, mill-ħaxix talgħet il-fwieħa
Tal-ward, u magħha l-għanja li bil-ħlewwa
Messitli qalbi u baqgħet dieħla ġewwa.

Jien żammejt sħiħ. Għalxejn. Ma stajtx nagħlibha
Dik is-sejħa ta' seħer. Tiela' ħdejja,
Serqitli qalbi għal kollox. Xtaqt li ninżel
Biex nara mnejn hi ġejja.
U bla ma qgħadt naħsibha,
Ċħadt is-sema li kont fiha,
Ċħadt il-wesgħa ta' l-irjieħ,
Ċħadt ix-xemx, ma ridtx naf biha,
Ċħadt dak l-ħena li kont fih.
U minnufih
Inżilt.

* * *

Hemmfuq ix-xemx il-lum q'għed tisreġ sħiħa;
Bajdani s-sħab fis-sema
Jiġġerra ma' l-irjieħ; tal-ward il-fwieħa,
Il-ħsejjes tal-widien, l-għana ta' sħabi,
L-għajta tal-bhejjem,
Kollox, kollox għad hemm, jinħass, jinsema,
U jibqa' għal dejjem.

Kollox għad hemm... Jien iżda le. Qarrieqa
L-għanja ressqitni lejn il-qafas. Dieqa
Ta' qalb hi ħajti l-lum f'ħoġor dit-tieqa.

1933

# It-Trieq tal-Ħajja

"Nel mezzo del cammin di nostra vita..."
(Dante)

Istrieħ, ħabib, istrieħ,
Għax wisq imwiegħra t-trieq mnejn għaddejjin;
L-għolliq li fiha, d-dmugħ li mxarrba bih,
Il-qerq, l-imrar, id-dnewwa,
Id-deni w il-mibegħda ta' l-egħdewwa,
Mit-tajjeb ftit u ħafna mill-ħażin,
Kollox ħabib ġarrabna,
Bis-sabar u bil-ħila,
Ma' tul dil-mixja twila
Ta' bosta snin.

* * *

U kemm fadlilna x'nimxu,
Ħabib, ma' dak li mxejna;
Kemm għad fadlilna negħrqu
U nixxuttaw għajnejna.

Kemm għad fadlilna naqgħu
Mat-trieq u nerġgħu nqumu,
Għajjiena u mingħajr saħħa;
Kemm għad fadlilna ndumu!

It-tul tal-mixja twila
Li qbadna ferħanin,
Il-lum inħossuh fuqna
Għax l-għadma qiegħda tnin.

Jien kieku ġa qtajt qalbi
Fuq dak li għadda w mar,
Li kieku ma kontx nitma
Li nsibu jiem aħjar.

Hi t-tama dawl tas-sema
Li żżommna lkoll fil-wiċċ;
X'kien jagħmel kieku l-bniedem
Li dina ma kinitx ?

* * *

Għalhekk issa li x-xemx niżlet għal kollox,
U d-dalma ta' l-għaxija
Is-siegħa ġiebet magħha tal-mistrieħ,
Ħabib, nistrieħu ftit, ninsew ħajjitna,
Ninsew it-trieq tal-għawġ u tat-tbatija
U d-dmugħ li mxarrba bih;
Biex għada mbagħad, sew sew kif jisbaħ kmieni
U x-xemx tixref tgħajtilna,
Inqumu, mistriħin, u b'tama ġdida,
Bla ma nitfantsu xejn,
Naqbdu flimkien it-trieq li għad fadlilna
Min jaf, min jaf sa fejn.

1934

# Dehra ta' Żminijietna

## I

Id-dinja nħasa kbira, wiesgħa, għammieqa,
Li fiha, sa mill-ewwel żminijiet,
Ibaqbaq lejl u nhar id-demm tal-ħajja.

Demm qawwi, demm qalil u demm setgħani;
Taħlita waħda ta' kull ġens u sura:
Irġiel u nisa w tfal ta' kull tifsila.

U fuqhom driegħ li ma jidhirx f'għajnejna
Iżomm il-kotra taħt il-lġiem tal-għaqal,
U kollox jimxi sew bit-talb u t-tama.

## II

Dak kien żmien ieħor; żmien li fih il-bniedem
Kien jitlob u kien jaqla';
Il-lum iżda ħaġ'oħra; l-lum l-inħasa
Għeliet... intliet... u faret...
Ibaqbaq kollu ħajja ż-żejjed tagħha
Nieżel iċarċar man-naħħiet mikwija,
Ifexfex fuq in-nar, jixtieq jeqirdu,
Jixtieq li kieku joqtol
Lil min mar tah il-ħajja.

Dehra tal-biża'! N-nies li kienu dari
Aħwa bejniethom mimlijin bil-ħniena,
Il-lum l-eħrex egħdewwa;
Ħarsiet jiġru ta' qilla saħansitra
Bejn aħwa ta' demm wieħed;
Missirijiet bla xogħol jisħtu 'l uliedhom,
L-ulied li ġew fuq qalbhom;
U ömmijiet bla ġieħ, bil-biża' f'qalbhom,
Jixtiequ jgħattu l-ħtijiet kbar, moqżieża,
Bi ħtijiet akbar. Jisħtu
Lil min f'siegħa ta' ġenn mar tahom il-ħajja
L-ulied, qalbhom maqtugħa.

Eluf t'għajnejn imberrqa, kollha jħarsu
Lejn l-għada ta' ħajjithom;
Dirgħajn għajjiena, ġwejda, ħniena, ħniena,
Ħniena jitolbu
Lil min ma jistax jgħin jew ma jridx jgħinhom;
Eluf ta' ħluq jixxenqu
Il-ħobż li ma jlaħħaqx biex ixabbagħhom;
Eluf ta' mħuħ jitħabtu, jqattru għaraqhom
Fuq l-għerf li jitlob żmienna.
Kulħadd bla nifs, jitqabad,
Jiġġieled,
Jitqatel,
Biex jaqla' għexien il-ħajja.

1935.

## L-Iben Ħali *

I

Qabad il-flus u telaq,
Telaq għal għonq it-trieq;
Qabad il-flus u baqa' sejjer, sejjer,
Jitbiegħed, jitbiegħed,
Jiċkien, jiċkien,
U għab.
U x-xemx wara l-għoljiet intfiet għal kollox,
U l-qamar tela' mbikki taħt is-sħab.

II

Jiem sħaħ għaddew, għaddew ix-xhur, għaddew
Is-snin ukoll;
Iżda n-nagħġa li żmien ilu
Kienet tbiegħdet u ħarbet minn mall-bqija,
Baqgħet mitlufa għal kollox
'Ma qatt, le, qatt minsija.

* Din il-għanja ma għandha x'taqsam xejn mal-ġrajja ta' l-Iben Ħali li nsibu fil-Kotba Mqaddsa. Il-ħsieb ewlieni, iva, ħadtu minnha; iżda mbagħad tajtu lewn ieħor kif deher lili. Għalhekk, kif jidher ċar, din ma fiha ebda tagħlima.

III

Għax lejl u nhar, u xitwa w sajf, l-imsejken
Missier baqa' jittama
U jitlob u jistenna.
Għajnejh widien ta' dmugħ, nofshom magħluqa,
Jistennew biss is-serħ li tagħti l-Ġenna.
Jittawwal dlonk mit-tieqa u bit-tbatija
Jiknes minn tarf sa tarf ix-xefaq ħiemed,
U bla ma jrid minn dik l-imsejkna qalb
Ħabtiet toħroġ taħlita
Ta' lfieq u biki u talb.

IV

It-tfajjel mar il-bogħod f'art barranija,
Il-bogħod minn niesu l-bogħod mid-dar minsija;
U flus kellu fil-wisa',
Sab il-ħajja, nesa' d-dmugħ.
Fetaħ il-bieb
Li qtajja' ta' ħbieb,
Irġiel u nisa;
Tamagħhom,
Għex magħhom,
U l-ġisem kiel minn fuq spallejn ir-ruħ.

V

Kulħadd iżiegħel bih,
Kulħadd jonfoq għalih,
Sa ma xxuttaw il-flus u sabu l-qiegħ.
Ra x'għamel, sar miblugħ!
Daħqu l-ħbieb,
Irġiel u nisa,
Sabu l-bieb,
Ghamlulu l-wisa',
U ħallewh,
U stkerrewh,
U l-ġisem bata l-għaks u bata l-ġuħ.

## VI

Sa fl-aħħar dik il-ħaġa li minn dejjem
Kien iħoss magħluqa f'sidru
Bdiet titħarrek; bdiet il-ħajja,
Bdew ħtijietu,
Bdew dnubietu
Fuq wiċċu kollha jidhru.

## VII

Inġabar fih in-nifsu u beda jaħseb:
—Min jaf x'kien jgħid missieru kieku mriegħex
It-tfajjel tabilħaqq jerġa' lejn daru,
Lejn dik id-dar ta' ġid, fejn qatt ma naqas
L-ikel u x-xorb u l-hena ta' qrabatu;
Min jaf kif kien jaħsibha meta jara
Mill-ġdid mixħut f'riġlejh l-iben ta' dari
Li kien għalih mitluf, liebes iċ-ċraret,
Mikul mill-ġuħ, mill-għada li rikbitu,
U jisma' ħierġa l-bikja minn ġe fommu,
Miksura taħt il-qilla ta' l-indiema,
"Missier, missier aħfirli, ħniena, aħfirli,
Għax wisq quddiemek dnibt u quddiem Alla."
Min jaf kienx ikeċċih u jgħidlu "Itlaq"
Jew kienx jiftaħ dirgħajh u jgħidlu "Ibni"
U jaqsam qalbu u jmut f'idejn min qatlu.—

## VIII

It-tfajjel tħixkel, baża';
Quddiem għajnejh dehritlu mistoqsija,
L-għoqda qalila tal-ħajja.
La jaf imurx mnejn ġie,
La jaf jibqax,
La jaf itemmx il-għomor, jew jittama
Fil-ħniena tal-missier.

## IX

Qam. Kien magħlub u mqatta'.
Bla saħħa bħal miflug;
Qabad it-trieq u telaq,
Imwieżen fuq għasluġ.

## X

Fit-tieqa mnejn kien jgħasses kollu sabar,
Mnejn kien minn tarf sa tarf jiknes ix-xefaq,
U jitlob u jittama;
Fejn tilef dawl għajnejh mad-dmugħ li nefaq,
Hemm raġel xwejjaħ, agħma.
Xuxtu mimlija,
Qotnija,
Ħafif ħafif titliegħeb
Mal-fewġa ta' l-għaxija;
Iżda ġo fih mhux żiffa
Twennislu d-djieqa; rwiefen,
Rwiefen ġo fih jitqabdu:
Wieħed qalil ta' Mħabba,
Ta' Maħfra t-tieni, t-tielet ta' Indiema
Jaħkmu bla serħ fuq qalbu,
Iżda min minnhom l-iktar
Ma jafx, ma jafx jgħid liema.

## XI

U fuq ix-xefaq ħiemed, xħin bdiet nieżla,
Ix-xemx u nofsha nħbiet wara l-għoljiet,
Dehret fil-bogħod, issewwed fuq il-ħmura.
Ta' xifer is-smewwiet,
Xi ħaġa riesqa u kull ma tersaq tikber.
Tersaq u tikber sakemm ħadet sura,
Sakemm deher fiha l-bniedem...
Li kien q'għed jerġa' lura.
U t-tfajjel baqa' sejjer, miexi, miexi,
Jitbiegħed, jitbiegħed,
Jiċkien, jiċkien,
U għab.

1935.

# Tifkira t'ommi egħluq id-dsatax-il-sena li ilha mejta.

Għaddew dsatax-il-sena. Kien Diċembru,
Qalil bil-ksieħ tax-xita,
Wasal fit-tmiem. Kull fejn il-ħarsa timraħ
Djar mogħnija, mixgħula
Bi dwal ta' lwien mill-isbaħ;
Imżejna kullimkien, kull bieb, kull tieqa,
Bi ħxejjex li jistiednu
Taħthom bejn min jiltaqa'
Tal-ferħ il-bewsa;
Daqq ħelu, daqq ferrieħi, daqq li jaqsam
Kultant il-qalb u d-dmugħ jasar mill-għajn,
Għaddej mewġa fuq mewġa.
Min jidħaq...
Min jgħanni...
Min jiżfen...
Bil-kemm mal-bieb ta' barra nsemet tħabbat,
Bil-bard u x-xita mreżżħa,
Is-Sena l-Ġdida.

Kont għadni tfajjel żgħir jien dik il-ħabta,
Bil kemm għad ftaħt għajnejja, ftaħt widnejja
Biex nifhem x'inhi l-ħajja;
Iżda kmieni tgħallimt, tgħallimt inġarrab,
Tgħallimt induq bis-sabar
Id-djieqa ta' kull telfa, ta' kull hemm.
Għax waqt li dak in-nhar id-dinja kollha
Kienet daħqana,
Ferħana s-sena l-ġdida q'għed tistenna,
Jien rajtha minn bil-qiegħda
Tintelaq...
Tiżżerżaq...
Tistabat minnufih ma' l-art u tmut.
Ommi l-għażiża.

1935.

# Il-Bniedem

## I

Għadda qatigħ iż-żmien mill-ewwel jum
U faret l-art bil-ħajja.
Il-bniedem, li kien tnej', fetaħ bħas-siġra
U mela kullimkien. Kibret il-kotra,
Kibru l-ulied u żegħdu,
Kiber il-għadd u xxerred
Mad-dinja kollha.
Kiber il-għadd u tferrqu qattgħa qattgħa
U qasmu l-art bejniethom.
U hekk qagħad fl-oqsma tiegħu, jgħix u jiżgħed
Kull ġens b'ilsienu.

## II

Għadda qatigħ iż-żmien. Minn ġo l-ħamrija
Nibtet iż-żergħa : siġar ta' kull għamla,
Imwielda minn ġuf l-art, jaqsmulek qalbek
Biż-żahar li jiftaħ fuqhom; u ma' żmienhom,
Il-frott sabiħ, misjur,
Jixħtulek ma' riġlejk għalkemm tiġborhom.

Jgħannu l-widien fi ġmielhom l-għanja ħelwa
Miksura fuq il-blat u fuq il-ġebel;
Jgħannu l-widien u l-ilma safi nieżel,
Ileqq bħal żġieġ mill-ifjen,
Iraxxax taħt ix-xemx lwien il-qawsalla,
Sabiex malli l-griżmejna jħossu n-nixfa,
Għalkemm nilqgħuh f'idejna
U l-għatx intaffu.

Jgħannu l-agħsafar minn x'ħin jisbaħ kmieni;
Ħajjithom nisġa waħda
Ta' ħajr u ta' tifħir; l-għelt ta' bejniethom
Jixxejjen ma' l-irjieħ, u jinsew kollox
Mal-ħin li jibda jbexbex.
U hekk jerġgħu jingħaqdu fuq il-friegħi,
Qabel l-irqad,
Kull fil-għaxija,
U lkoll flimkien jitolbu.

Zegħdet il-bhima: l-oqsma kollha faru
Biż-żwiemel u bl-ogħġiela. Fuq ix-xagħri,
Mnejn tiela' nifs il-ħajja lejn is-sema,
Tiela' mal-fwar tal-ħdura,
Bojod bħal qoton, bħal m'hu s-sħab ta' fuqhom,
Ħienja bla ħsieb ta' deni,
Jirgħu in-nagħaġ u l-ħrief fl-imrieħel tagħhom.

III

X'irid il-bniedem iktar? Għax mhux hieni?
Imdawwar kollu ġid, fuq rasu l-barka,
Mogħti l-ilbies u l-ħajja,
Mogħti l-ħalib tas-saħħa,
Mogħti l-ulied biex ifarrġulu qalbu,
Għaliex ma jistabarx u jgħix u jimxi
Mar-rjieda tal-Mulej?
Fejn mar id-dawl, id-dehen li bih imżejjen,
Id-dehen li jagħżlu w jerfgħu fuq il-bhima,
U jaħtru ta' din l-art sultan ewlieni?
Fejn għab il-ħajr? Fejn għab it-talb imħeġġeġ
Li bih kien dari jqim lil Min tah ħajtu?
Kollox maż-żmien intilef. Bniedem ieħor.
Il-lum jirgħa fuq l-art.
Għajnejh għajnej' is-seqer, jgħarrxu dejjem
Fuq dar u ġid ħaddieħor;
Lesti idejh biex jaħtfu
L-oqsma tal-ġar imsejken
Li joqgħod ħdejh u mhux fil-qawwa daqsu;
Lest biex jixteħet fuqu għax isibu
Nieqes mill-għodod, nieqes sħiħ fis-sengħa,
Nieqes fl-ilbies li titlob it-taqbida
Fi żminijietna.
U hekk jisraqlu l-art bin-nies uliedha,
Dik l-art li kienet ħielsa minn kull jasar,
Għal taħt il-ħakma tiegħu.

Dan huwa l-bniedem! Kburi fix-xejn tiegħu,
Tilef kull biża' t'Alla,
Tilef kull ħsieb ta' ġieħ, tilef kull ħniena,
Tilef l-imħabba, l-għasel ta' ħajjitna,
Il-qofol ta' kull xogħol, ta' kull ftehima,
Iġiegħlek tħares lejh bil-biża' f'qalbek,
Taħseb ħażin u twarrab 'l-istess sieħbek
X'ħin jiġi bla ħsieb xejn jeħodlok b'idek.

Iġiegħlek saħansitra tibża' minnhom
U twarrab 'l-istess ħutek,
Twarrab lil min ħabbejt, għożżejt ġo qalbek,
U titlaq tgħix il-bogħod fl-għerien ta' l-iġbla
Flimkien mal-bhejjem.

Jannar, 1936.

## Tifkira oħra egħluq is-seba' snin li Missieri ilu mejjet

Ilqajtek ġo dirgħajja w qbadna niżfnu
Iż-żfin meqjus u ħelu
Taż-żmien li konna fih.
Konna deħlin fit-tlitt ijiem tal-bluħa,
Tal-frugħa,
Tal-ħażen,
Tad-dnub—il-karnival;
Iż-żmien li fih jintefgħu bħal imġienen
Kemm żgħażagħ, xjuħ u tfal.

Ilqajtek ġo dirgħajja. Għajnejk mixgħula,
Ilellxu taħt id-dawl bil-ferħ u l-hena,
Ħassejthom ġewwa fija;
Ħassejtha ġo widnejja ddoqq qawwija,
Tinkiser u tinħall,
Id-daħqa li dlonk tidħaq; u ħabbejtek.
Tkellimna fuq li għadda, fuq li ġej...
U dħaqna...
U xrobna...
U żfinna...
Dbandalna fuq l-idej'.
Iżda min kellu jgħidli dak in-nhar
Li f'dak il-jum, id-disgħa
Kiefer ta' Frar,
F'dak l-istess ħin...
F'dik l-istess siegħa
Li konna nduru fiha...
Il-bogħod f'art barranija,
Kien fl-aħħar nifs ta' ħajtu
L-għażiż missieri.

9 ta' Frar 1936.

# Il-Mewt ta' Ġorġ V

Stennejna b'ħerqa kbira l-aħbar tiegħu
li ġiet ma' tul il-lejl minn ħin għall-ieħor;
kienet magħfusa l-qalb, nofsha maqtugħa,
għax il-qalb tħabbar.

Smajnieh it-talb, smajnieh l-ilfiq u l-biki
joforqu d-dalma u jaqgħu fuq widnejna;
ħassejna d-demgħa taqbeż ġewwa qalbna
u tlabna magħhom.

Smajnieh jitqal il-leħen tal-qanpiena
ixandar l-aħħar nifs tal-ħajja tiegħu,
sakemm ma' nofs-il-lejl intfiet id-dija
mill-għajn għajjiena.

Hekk miet is-Sultan tagħna, l-missier twejjeb
li ħabb u ħadem sħiħ għall-ġid ta' niesu;
hekk miet egħluq il-ħamsa u għoxrin sena
li ilu jsaltan.

Tħassritu d-dinja kollha, bkiet ma' wliedu
fil-hemm li waqa' fuqhom; min kien jafu,
kemm ħbieb u kemm egħdewwa ta' żmien ieħor,
ħassew it-telfa.

Għandhom għaliex, għax laħqu ħadu sewwa
egħruq l-imħabba li kien ħawwel fina,
egħruq li jibqgħu jarmu tul ħajjitna
biex fih niftakru.

21 ta' Jannar 1936.

# L-Aħħar Telfa

Forsi biżżejjed ma kinitx għalija
ta' ömmi t-telfa fl-ewwel jiem ta' ħajti
u, wara, ta' missieri?
Kellek tmur int ukoll, tmur u tħallini
aktarx, aktarx għal kollox;
int li kont l-hena ta' dil-qalb mifnija,
il-faraġ ta' żgħożiti;
int li, kif smajt li f'lejla barranija
missierna nfired minna għal l-art ta' dejjem,
ersaqt bil-ħlewwa lejja
u, b'qalbek trid tinqasam,
meddejt it-toqol tiegħek fuq spallejja.
Int smajt il-lum is-sejħa li mill-għoli
niżlet safja ġo qalbek
ta' Min jaf aktar minni jieħu ħsiebek.
Ħassejtek tqum, ħassejt ta' fuq spallejja
it-toqol jerħi, t-toqol
li kien rabbieli ġewwa qalbi mħabba
u għira ta' missier.

Rajtek titwieled; fraħt
ta' tfal li kont biż-żjieda tiegħek fostna.
Rajtek titħarrek; fraħt
għax rajt il-ħajja fik, ċkejkna tarbija.
Rajtha bil-biża' f'qalbi wkoll isewwed,
thedded fuq rasek,
sħaba ta' marda li ma tafx bi hniena.
Rajtek miġugħa, titbekka,
tingħi, titbekka,
għaliex il-kliem ġo fik
kien għad ma sabx it-trieq mnejn għandu joħroġ
biex ifisser li kellek.
Bkejt biss; u jien bkejt miegħek; sakemm fl-aħħar
jiddi rajt xaqq ta' dawl—kien dawl ta' tama,—
u tlabt għalik bil-ħerqa.
U billi t-talb taż-żgħar jasal fis-sema
fuq ġwienaħ ta' ħeffa,
int minnufih stenbaħt, mill-marda mfejqa,
u qomt mis-sodda.
Hekk jien ħabbejtek fi ċkunitek, oħti!

Rajtek titrabba, mill-egħruq maqtugħa,
tikber, titgħallem
u tgħix fil-ħniena t'Alla.
Kienet għalik ta' fejda d-Dar imqaddsa
li bl-akbar dehen u sabar,
ġabritek u għallmitek fuq ħoġorha
tagħżel it-trieq it-tajba mill-ħażina.
Imdawra bil-ħitan, ħallejthom barra
il-ħsebijiet tad-dinja. Xħin tistenbaħ,
kmieni qabel ix-xemx,
tqum tagħti ħajr lil Alla w tilqgħu f'sidrek
qabel ix-xogħol tal-jum;
tersaq ma' nofs-in-nhar u fil-għaxija
lejn il-mejda mhejjija
u tiekol milli ssib bla ma titfantas.
Hekk jgħaddi kien il-jum minn fuq għamilek,
u b'qalbek safja,
ferħana li temmejt kull mibdi f'waqtu,
hienja,
tersaq tistrieħ f'kamartek.

Kienet għalik ta' fejda d-Dar imqaddsa;
kienet għalija
telfien is-sabar, bidu ta' kull hemm.
Għax sew minn dak il-jum li fih ix-xewqa
tiegħek tarraftli li ħassejt ġo qalbek,
taħraq bin-nar ta' mħabba,
—xewqa li taħrab minn kulħadd, mill-qraba
biex tmur tingħalaq raħba għal ħajtek kollha—
jien rajt minn dak il-ħin, bil-biża' f'qalbi
nieżel sewdieni
l-istar ta' swied-il-qalb quddiem għajnejja;
rajtu magħqud iċ-ċpar jaħnaq id-dija
u sfajt mitluf fid-dlam ta' ruħ minsija.
Smajtu bla ħoss jiġġarraf biċċa biċċa,
jaqa', jitfarrak
il-ħsieb li ġewwa qalbi minn żmien għomrok
jien kelli mibni għalik.

Wasal il-jum mixtieq.
Il-lejl kien daħal sewwa w nagħsa ħelwa
taħkem fuq l-art u l-baħar.
Maħlula minn kull qofol, taħt is-soqfa,
jistrieħu l-ħsebijiet li jtaqqlu 'l-bniedem,
u magħhom fuq il-friex dirgħajn għajjiena

isibu l-faraġ.
Ħanin is-skiet fuq l-ilma... Mirkeb ħiemed,
mixgħul minn tarf sa tarf, marbut... jistenna...
taħtu titriegħed
fuq wiċċ il-mewġ lubien ix-xbieħa tiegħu,
u daħna rqiqa tiela'
tofroq is-swied ta' l-ajru w tgħib fil-wesgħa...
Tellajtek, oħt,
ħaddantek, oħt,
waħħalt fuq ġbinek l-aħħar bewsa tiegħi...
qabżet magħsura d-demgħa minn ġo qalbi...
lellxet fi xfar għajnejja,
ħassejtha sħuna nieżla ma' ħaddejja...
u nżilt... biex nibqa' waħdi.

Marzu 1936.

# Id-Daħna tal-Paċi *

Fuq l-għoljiet tax-Xagħri l-Aħmar,
Fuq il-wesgħa tal-Barriera,
*Gitche Manito* s-Setgħani,
Dak is-Sid tal-Ħajja niżel.
Qagħad bil-wieqfa u flimkien sejjaħ
Il-Gnus kollha, s-Setgħet kollha.

U minn taħt riġlejh bdiet nieżla
Xmara tiddi w tarmi d-dija
Fid-dawl ħelu ta' fil-għodu
U titgerbeb minn blat għoli
Qisha *Ishkoodah*, il-kewkba.
U l-Ispirtu tmejjel naqra
Lejn il-lvant u beda b'sebgħu
Fuq il-mergħa jħożż bħal trejqa
Biex ix-xmara tgħaddi minnha.
Hekk qalilha meta lesta:
"Issa din hi t-trieq li tajtek."

* Din taħbat l-ewwel taqsima ta' "L-Għanja ta' Hiawatha" ta' Longfellow, li kollha tgħodd fuq l-erbat elef vers. Fiha l-poeta Amerikan għaraf isawwar bl-akbar ħlewwa l-ġrajjiet ta' Hiawatha, bniedem li (kif kienu jaħsbu l-Indjani ta' l-Amerka ta' Fuq, niżel mis-sema biex jgħallimhom u jqabbadhom it-trieq tal-Paċi. Hiawatha jitwieled fit-tielet taqsima; għalhekk hawn ma jidher xejn.

U mill-ġebel tal-barriera
Ħamranija, qata' biċċa
U għaġinha w ħareġ minnha
Ras ta' pipa mnaqqxa ħelu;
Imbagħad fiha daħħal qasba
Kif kien għadha kollha weraq;
Mela l-pipa bil-qxur niexef
Bil-qxur aħmar taż-żafżafa
Imbagħad nefaħ fuq is-siġar,
U bin-nifs dawn bdew jinħakku
Ma' xulxin, sakemm minn nofshom
Ħarġet ġamra w qabad kollox.
U hekk wieqaf hemm fuq l-iġbla,
*Gitche Manito* s-Setgħani
Beda jdaħħan fuq il-pipa
Li sejħilha mbagħad tal-Paċi,
Biex jaraw u l-ġnus jitgħallmu.

Beda tiela' d-duħħan, tiela'
Minn ġol-ħemda ta' fil-għodu :
L-ewwel beda b'sing twil iswed,
Imbagħad għaqad u sar vjola,
Imbagħad fetaħ bħal sħab abjad,
Bħal ma jiftħu rjus is-siġar;
Beda tiela', tiela', tiela',
Sakemm laħaq wiċċ is-sema,
Mess u nqasam fuq is-sema
U madwar is-sema nfirex.

U mill-Wied ta' *Tawasentha*.
Minn bejn l-iġbla ta' *Wyoming*,
Mill-għerien ta' *Tuscaloosa*
Mill-għoljiet fil-bogħod tar-*Rockies*.
Mill-għadajjar u mix-xmajjar
Li qegħdin fit-Tramuntana,
Il-ġnus kollha raw id-daħna
Fil-bogħod tiela', tiela', tiela',
Mill-*Pukwana*, tiela', tiela',
Fejn kien hemm tal-Paċi l-Pipa.

U l-Profeti tal-ġnus kollha
Qalu : "Araw, dik il-*Pukwana*,
B'din id-dehra mill-bogħod ħafna,
Qisu qasba q'għed tiċċaqlaq,
Qisu driegħ li jrid xi ħaġa,

*Gitche Manito* s-Setgħani
Q'għed isejjaħ il-ġnus kollha,
Il-ġellieda għal-laqgħa tiegħu."

U max-xmajjar u mix-xagħri
Ġew ġellieda tal-ġnus kollha.
Ġew id-*Delawares* u l-*Mohawks*,
Ġew iċ- *Choctaws* u l-*Camanches*
Ġew ix-*Shoshonies* u l-*Blackfeet*,
Ġew il-*Pawnees* u l-*Omahas*,
Ġew il-*Mandans* u d-*Dacotahs*,
Ġew il-*Hurons* u l-*Ojibways*,
Il-ġellieda ltaqgħu kollha;
Għax xħin raw mill-Pipa tiela'
Dawk id-dħaħen kbar tal-Paċi,
Lejn l-għoljiet tax-xagħri telqu,
Għall-Barriera tal-Blat Aħmar.

Bl-għodod lesti għat-taqbida,
Hemm inġabru qalb l-egħlieqi,
Miżbugħin kif il-Ħarifa
Tiżbogħ kollha l-weraq tagħha,
Kif kull għodwa s-sema tiżbogħ.
Il-wiċċ tagħhom wiċċ ta' qilla,
Il-qalb tagħhom qalb ġellieda,
U l-mibegħda ta' bejniethom
Kienet tixhed sħiħ f'għamilhom,
Għax din tnisslet fi twelidhom.

*Gitche Manito* s-Setagħni,
Dak li ħalaq il-ġnus kollha,
Ħares lejhom mimli ħniena,
Bħal missier li jħobb u jagħder;
Il-mibegħda li 'ra fihom
Ma kinitx għalih ħlief ġlieda
Kif jiġġieldu t-tfal bejniethom

Idu refa' l-leminija
Biex ifettel il-qlub tagħhom,
Biex fid-dell ta' driegħu qawwi
Itaffilhom l-għatx u d-deni.
B'leħen għoli tkellem magħhom,
B'leħen għoli kif mill-għoli
Jagħmel l-ilma fuq il-blata.
Daqqa jwissi w daqqa jgħallem,

Dan hu l-kliem li mar jgħidilhom :
"Tfal uliedi, uliedi msejkna,
Kliem il-għerf isimgħu tajjeb,
Kliem li jwissi wkoll isimgħu,
Minn xofftejn l-Ispirtu ħiereġ,
Sid il-Ħajja li ħalaqkom.
Artijiet għall-kaċċa tajtkom,
Tajtkom xmajjar fejn tistagħdu,
Tajtkom l-ors flimkien mall-barri,
Tajtkom ċerv u tajtkom ċerva,
Tajtkom bhejjem ta' kull sura,
Imlejtilqom wiċċ l-għadajjar
Kollha tajr kemm tixtieq qalbkom.
Imlejtilkom tûl ix-xmajjar
Kollha ħut biex bihom tgħixu.
L-għala mela m'intomx ħienja ?
L-għala l-ġlied li jsir bejnietkom ?
Jiena xbajt minn dal-ġlied tagħkom,
Xbajt mill-ġlied u d-dmija tagħkom,
Xbajt mit-talb li dlonk tagħmluli
Biex titħallsu minn seħibkhom;
Kunu afu li qawwija
Ma tkunux ħlief jekk tingħaqdu.

"Jien Profeta nibagħtilkom
U da' jkun il-Fidwa tagħkom ;
Hu jmexxikom u jgħallimkom
U fix-xogħol magħkom ibati.
Jekk tisimgħu t-tagħlim tiegħu
Tistagħnew u lkoll tiżgħedu ;
'Ma jekk kliemu jmut, jintilef,
Hekk tintilfu miegħu intom.

"Mela nxeħtu lkoll fix-xmara
Li għaddejja minn quddiemkom,
Aħslu ż-żebgħa minn fuq wiċċkom,
Aħslu d-dmija minn idejkom,
Idfnu z-zkuk tal-ġlied u l-għodod;
Kissru l-ġebel mill-Barriera
U agħġnuh u agħmlu Pipa,
U ġo fiha daħħlu qasab
Milli nibtu hawn maġenbkom,
U żejnuhom b'rix mill-isbaħ,
U flimkien oqogħdu daħħnu,
U flimkien għixu bħal aħwa."

Il-ġellieda ma' l-art tefgħu
Ġild iċ-ċerv u l-ħwejjeġ tagħhom,
Kollha z-zkuk u l-għodod kollha,
Kull ma kellhom lest għall-ġlieda;
U flimkien fix-xmara nxeħtu,
Ħaslu ż-żebgħa minn fuq wiċċhom.
Safi l-ilma niżel fuqhom,
Safi u jilma minn fejn għadda
Sid il-Ħajja huwa w niezel;
Iżda taħthom l-ilma mdardar,
Il-lewn tiegħu sar ħamrani,
Qisu tħallat id-demm miegħu.

Il-ġellieda minn ġo l-ilma
Ħarġu lkoll indaf, maħsula;
Fuq ix-xtajta difnu l-għodod,
Kull ma kellhom lest għall-ġlieda.
*Gitche Manito* s-Setgħani,
Il-Ħallieq, l-Ispirtu qawwi,
Tbissem fuqhom u għadirhom,
Ġietu ħniena minn uliedu.

U bla kliem, mill-ġebel aħmar
Tal-Barriera qatgħu kollha;
U għaġnuh u għamlu l-Pipi;
U ġol-Pipi daħħlu l-qasab
Li qatgħuh minn xatt ix-xmara;
Żejnu kollox b'rix mill-isbaħ
U kulħadd telaq lejn daru;
Waqt li s-Sid tal-Ħajja tela'
Feraq sħaba u baqa' tiela',
Sa ma wasal f'bieb is-Sema,
U hekk għab minn quddiem niesu,
Ġewwa d-daħna nħall li tiela'
Minn ġol-Pipa mill-*Pukwana*.

# WERREJ


| | *faċċ.* |
|---|---|
| Lill-Poëta | 5 |
| L-Ave Marija | 6 |
| Lilek | 7 |
| L-Għanja ta' Dari | 8 |
| Is-Serħ tal-Qrar | 9 |
| Lilek | 9 |
| Lilek | 10 |
| Int, Jiena w Hu | 11 |
| Il-Qniepen | 12 |
| Omm | 13 |
| Siġar | 15 |
| Widien | 16 |
| Dlonk fis-Skiet ta' fil-Għaxija | 17 |
| Il-Bieraħ... Il-Lum... | 18 |
| It-Trieq tal-Ħajja | 19 |
| Dehra ta' Żminijietna | 21 |
| L-Iben Ħali | 22 |
| Tifkira t'Ommi | 26 |
| Il-Bniedem | 27 |
| Tifkira ta' Missieri | 29 |
| Il-Mewt ta' Ġorġ V | 30 |
| L-Aħħar Telfa | 31 |
| Id-Daħna tal-Paċi | 33 |